MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.
GRETA MIFSUD**

Seduta tas-17 ta' Settembru, 2007

Talba Numru. 2164/2003

**Untours Insurance Ltd. noe. et.**
**Vs**
**Nazzareno sive Rene' Scicluna**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz tas-socjeta' attrici nomine et li talbu lit-Tribunal jiddikjara lill-konvenut responsabbli ghall-incident stradali li sehh il-Fgura fl-14 ta' Marzu, 2002 meta minhabba negligenza, imprudenza u inosservanza tar-regolamenti tat-traffiku, il-vettura ta' l-attrici Ford KA numru IBF 078 habtet go crane li kien jaghlaq it-triq u li ghalih kien responsabbli l-konvenut u bhala konsegwenza garrbet hsarat kbar. L-atturi talbu ukoll il-kundanna lill-konvenut ghal hlas in linea ta' danni tas-somma ta' elf tlett mija u sittin lira Maltin u hamsa u disghin centezmu (Lm1360.95) lil Untours Insurance Agents Ltd. noe. u hamsa u ghoxrin lira (Lm25) lill-attrici l-ohra (Doks A- G). Bl-ispejjes u l-imghax minn notifika ta' dan l-avviz;

Ra r-risposta tal-konvenut li eccepixxa illi t-talbiet attrici huma preskritti ai termini ta'l-Artikolu 2153 tal-Kap.16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Minghajr pregudizzju ghas-suespost, il-konvenut eccepixxa li mhux il-legittimu kuntradittur u dana stante illi l-konvenut fil-kapacita' tieghu personali ma ghamel xejn minn dak allegat mill-atturi;

Minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-konvenut eccepixxa ulterjorment illi l-incident de quo sehh unikament minhabba traskuragni, imperizja u nuqqas ta' tharis tar-regolamenti tat-traffiku da parti tas-sewwieqa tal-vettura bin-numru ta' registrazzjoni IBF 078, proprjeta' ta' l-attrici assikurata mas-socjeta' attrici;

Konsegwentement il-konvenut jeccepixxi illi ma hemmx danni x'jigu likwidati favur l-atturi  u ghaldaqstant, huwa m'ghandu jaghti xejn lill-attur;

Salv eccezzjonijiet ohra permessi mil-ligi;

Ra x-xhieda ta' P.S. 1495 Joseph Muscat. Kien hu li ha r-rapport ta' incident li sehh fl-14 ta' Marzu, 2002 bejn vettura IBF 078 u Bulldozer numru B331 NJF. Dan l-incident sehh ghall-habta tal-4.20 am fi Triq Kampanella, kantuniera ma' Zabbar Road;

Jispjega li l-vettura bin-numru ta' registrazzjoni IBF 078 kienet qed tigi misjuqa minn Josephine Gafa'. Fit-triq kien qed isir "trenching," u kien hemm it-triq maghluqa b'zewg *barriers* u l-*bulldozer* warajhom  bil-*buckets*;

Meta Gafa' kienet qed isuq sabet ruhha f'din is-sitwazzjoni kif ukoll gie konstatat illi dawl ma kienx hemm u dan seta' jikkonfermah ghaliex kien nizel fuq il-post ta' l-incident. Lanqas id-dawl tat-triq ma kien b'xi mod jghin. Il-"lamp posts" kienu 'l boghod u kienu jaghtu dawl go triq il-Gizi u ghalhekk il-post fejn kienet il-gaffa kien fid-dlam;

Ix-xhud jispjega ukoll li triq il-Kampanella tibda b'nizla u mbaghad tigi ghal telgha u ghalhekk jekk tkun ghaddej

bid-*dim lights* il-faccata ma tigix riflessa. Ix-xhud jissokta jghid illi l-bulldozer kien jinstab fin-nofs tat-triq bil-*barriers* quddiemu u kien hemm bicca "*trenching*" ghaddejja minn taht il-bulldozer;

Jikkonferma li rrizultalu li l-konvenut kien l-kuntrattur li kien qed jaghmel ix-xoghol fit-triq. Staqsieh jekk kellux "*emeregency lighting*" u kien qallu li kellu pero' kienu qed jisirquhomlu. Il-konvenut ma kienx ghamel rapport tas-serq. Dan ix-xhud jafferma li kif kien ix-xoghol dan kien perikoluz;

L-istess xhud  jispjega li meta nizel fuq il-post, il-vettura ta' Galea kellha d-dwal ta' wara mixghulin, izda ma kienx ivverifika x'dawl kellha mixghul meta sehh l-incident, pero' quddiem kien kollu mkisser;

Ix-xhud jispjega li kien hemm xi hmistax u ghoxrin metru hekk kif tara l-*barriers* ma' wiccek. Ighid li  *brake marks* ma kienx hemm. Ma kienx hemm sinjali li Galea ppruvat tieqaf, anzi id-daqqa kienet wahda sostanzjali u nofs il-vettura kienet mifqugha;

Ix-xhud jikkonferma li l-konvenut kellu l-permessi kollha in regola, hlief ghal permess tal-pulizija. Kellu ukoll l-permess sabiex jaghlaq it-triq;

Fl-ahharnett l-istess xhud jispjega li fit-triq kien hemm in-nida;

Ra x-xhieda ta' Mario Mifsud li jahdem bhala *claims officer* mas-socjeta' attrici. Huwa jikkonferma li l-asssigurata taghhom kienet hallset l-*excess* ta' hamsa u ghoxrin lira Maltin (Lm25), pero' l-assikurazzjoni kienet hallset ghas-*self drive*;

Ra x-xhieda ta' Josephine Galea li tiddikjara li kienet qed issuq il-vettura taghha Ford Ka b'numru ta' registrazzjoni IBF 078. fi triq il-Kampanella, Fgura, vicin id-dar taghha. Dan kien ghall-habta tal-4.00 am;

Ix-xhud tghid li kienet tghaddi minn din it-triq kwazi kuljum peress li kienet fil-vicinanzi tad-dar taghha. Tispjega li dakinhar li sehh l-incident ma kienx hemm dawl jew sinjali sabiex jindikaw li kien hemm gaffa. It-triq ghandha telgha u mbaghad tigi ghan-nizla, izda waqt li hi kienet gejja bid-dritta f'daqqa wahda sabet il-gaffa ma' wiccha u din kienet fil-bidu tat-telgha. Mal-impatt wehlet mal-gaffa;

Ix-xhud tkompli tghid li ghalkemm hi kienet gejja minn *party* ma kienitx xorbot. Tghid li ma kienx hemm dawl jew *barriers* bejn il-vettura taghha u l-gaffa. Lanqas ma setghet tiftakar li kien hemm xi *reflectors* jew xi dawl tal-Gvern;

Ra x-xhieda tal-konvenut li jispjega li kienu ilhom ghaddejjin xi ghaxart ijiem bix-xoghol ta' skavar qabel ma sehh l-incident. Il-makkinarju generalment jitqieghed fuq it-trinka sabiex din ma tkunx esposta. F'dan il-kaz kienu ukoll ghamlu *barriers* fuq il-gaffa, kif ukoll "*flash lamps*" sofor. Dawn il-lampi kienu tqieghdu mill-impjegati tieghu, izda hu kien rahom. Kien hemm erba' minnhom u dawn kienu ntrabtu bil-fildiferru;

Bejn il-*barriers* u l-gaffa kien hemm qisu madwar ghaxar u hmistax-il pied. Meta telaq kien halla l-lampi mixghulin, izda kienu serquhom;

B'referenza ghall-iskizz, il-konvenut jispjega li l-vettura ta' Galea kienet tinstab f'salib it-toroq, u li peress li z-zona hija wahda residenzjali kien hemm id-dawl tal-Gvern;

Il-konvenut jkompli jispjega li ftit 'l boghod minn fejn kien hemm il-gaffa kien hemm sinjal "*works ahead*", izda dan kien imdawwal biss bid-dawl tat-triq;

Ra d-dokumenti esebiti;

Ikkunsidra;

Dwar l-ewwel eccezzjoni tal-preskrizzjoni, it-Tribunal jaghmel referenza ghall-verbal tal-5 ta' April,2004 fejn il-partijiet qablu li l-konvenut kien gie notifikat u ghalhekk il-

preskrizzjoni giet interrotta. B'hekk l-ewwel eccezzjoni ghandha tigi respinta;

Dwar it-tieni eccezzjoni tal-konvenut li hu mhux il-legittimu kuntradditur, it-Tribunal ihoss li l-konvenut ma gabx provi fuq din l-eccezzjoni sabiex jikkonvinci b'mod soddisfacenti li xi relazzjoni mal-istess konvenut, izda ma' persuna ohra. Lanqas biss tissemma xi socjeta' li seta' kien qed jahdem ghaliha. Kollox jindika li kien il-konvenut li kien qed jahdem bhala kuntrattur u ghaldaqstant hu biss seta' kien il-konvenut;

Ghalhekk, it-Tribunal ser ikollu jipprocedi fuq l-eccezzjonijiet l-ohra u ghalhekk ghandu qabel xejn jistabilixxi r-responsabbilita' o meno tal-konvenut ghall-incident awtomobilistiku in kwistjoni;

***"Tnejn huma l-principji generalment akkolti fid-duttrina u gurisprudenza estera u lokali in materja ta' incidenti ta' traffiku stradali, li ghandhom jirregolaw l-investimenti ta' vetturi, jigifieri – (a) hu obbligu ta' kull sewwieq li jirregola s-sewqan skond il-kundizzjonijiet u cirkostanzi, bhalma huma l-hin ta' bil-lejl, il-vizwali ostakolata bid-dlam u bix-xita, il-piz tal-vejikolu, l-istat ta' l-art u rapporti ohra kontingenti; u (b) hu anke dmir tas-sewwieq li jzomm dik li komunement tissejjah "a reasonsable careful look out," liema dmir igib mieghu li s-sewwieq jara dak li jkun ragonevolment vizibbli…."*** [1]

L-incident in ezami sehh fil-hinjiet bikrin ta' filghodu meta kien ghadu d-dlam. Fil-fatt, kienu l-4.00 am. Is-sewwieqa tal-vettura Josephine Galea, kienet ghaddejja minn triq il-Kampanella, Fgura, triq li kienet familjari maghha, ghaliex kienet fil-vicinanzi ta' fejn kienet toqghod. Tghid li kienet tghaddi minn hemm regolarment;

Wiehed jippretendi li ghalhekk kienet taf li kien hemm xi xogholijiet ghaddejjin li qed jostakolaw it-triq, pero' it-Tribunal ihoss li dan mhux necessarju ghal finijiet tal-kaz,

[1] Dottor Louis Bianchi noe, vs Michelle Cassar (PA deciza 6.11.1998)

ghaliex jista' jaghti l-kaz li, ghalkemm ix-xogholijiet bdew xi ghaxart ijiem qabel (fatt mhux kontestat mis-socjeta' attrici), jista' jaghti l-kaz li ghaddiet minn hemm bin-nhar u mhux fil-ghaxija u ghalhekk ma setghetx tipprevedi x'kienet ser issib dak il-hin tal-lejl u jista' jkun ukoll li ma kenitx taf bl-ezistenza ta' dawk ix-xogholijiet. Ghalhekk il-familjarita' taghha mal-ambjent fejn sehh l-incident huwa fattur ta' importanza relativa u marginali;

Gie kkonfermat kemm mix-xhieda ta' Galea, kif ukoll tal-pulizija li kien qed jinvestiga l-incident li l-post fejn sehh l-incident kien mudlam hafna u l-uniku dawl, kien id-dawl li kien jaghti ghal triq il-Gizi, li ma kienx bizzejjed biex jillumina l-gaffa u l-"*barriers*." PS 1495 Joseph Muscat, fir-rapport (a fol. 27 tal-process) li ghamel ighid hekk:-

***"No prevention lights indicating that the road was closed due to trenching works were observed. The road was closed by two barriers protected from behind by a bulldozer bucket with foreign reg.No. B331NJF. At the time of the accident the road was in a dark condition even with street lighting illumination. "***

Mill-provi prodotti ma jistax jigi attribwit li kien hemm xi traskuragni, jew negligenza da parti tal-assikurata, u dan nonostanti l-asserzjoni mhux pruvata da parti tal-konvenut li hi kienet gejja minn party u ghalhekk kienet xurbana. Minn imkien dan gie ppruvat u t-Tribunal ma jistax jibbaza d-decizjoni tieghu fuq asserzjonijiet gratuwiti. It-Tribunal jista' jiddeciedi biss fuq fatti kredibbli li jigu sostanzjati b'xhieda ohra;

Ma giex ppruvat ukoll li kien hemm nuqqas ta' osservanza ta-regolamenti tat-traffiku jew xi negligenza fil-mod kif l-assikurata kienet qed issuq fil-hin msemmi. Lanqas ma gie ppruvat li kienet eccediet il-limiti ta' velocita', jekk kienx hemm traffiku ecc, partikolarment meta jidher li dakinhar kien hemm in-nida fit-triq;

Huwa pruvat b'mod assolut li kien hemm il-gaffa tal-konvenut fin-nofs tat-triq il-Kampanella, Fgura, triq li tibda

b'telgha u tispicca b'nizla, tant li jekk tkun ghaddej bid-"*dim lights* ", il-faccata ma tigix vizibbli, kif spjega is-surgent. Skon l-istess surgent l-vettura tal-assikurata zgur kellha d-dwal ta' wara mixghulin u ta' quddiem ma setax ighid ghaliex kien imfarrak, izda ta' wara kienu;

Kollox indikattiv li ghalhekk l-assikurata uzat l-prekawzjonijiet minnha rikjesta ghas-sewqan dak il-hin tal-gurnata;

Jibqa' ghalhekk biex tigi stabbilita r-responsabbilta' tal-konvenut. Il-fatti kollha u l-mod kif sehh l-incident iwasslu lit-Tribunal ghal konkluzzjoni wahda;

Il-konvenut pogga gaffa f'nofs triq passagguza, bil-*barriers*, izda ghalkemm jinsisti li kien ghamel erba' *flash lamps* dawn kienu insterqu, ma jirrizultax li ghamel xi rapport ta' serq, anke jekk jallega li insterqulu kemm il-darba. F'dan il-kuntest, jigi osservat li jekk l-affermazzjoni tal-konvenut hija veritjera aktar u aktar kellu id-dover li jirraporta ghax kellu jkun konxju bil-perikolu li n-nuqqas ta' dawn il-lampi kien jikkostitwixxi fi triq kompletament mudlama;

Ighid ukoll li kien hemm sinjal "*works ahead*", izda ma kienitx f'posizzjoni imdawwla. Pero' din il-verzjoni tal-konvenut hija kontraddetta mill-assikurata u mis-surgent in kwantu jghidu li ma raw l-ebda sinjali biex javzaw sewwieq li kien hemm ostakolu fit-triq;

Ghalhekk, it-Tribunal ma jifhimx kif jista' l-konvenut jippretendi li jiddefendi ruhu billi jsostni li l-assikurata ma uzatx "a reasonsable careful look out," meta c-cirkostanzi kif poggihom il-konvenut ma kienux ***"ragjonevolement vizibbli***"mill-assikurata. Fil-fatt, lanqas ma kien hemm provi ta' xi "brake marks" li forsi setghu jwasslu lit-Tribunal biex jikkonvinci ruhu li possibilment l-assikurata kienet rat il-gaffa minn qabel u ppruvat tevita l-incident. Galea baqghet sejra dritt "head on" ghal gol-*barrier* u l-gaffa, b'mod li t-Tribunal hu aktar u aktar konvint li z-zona fejn sehh l-impatt ma kien mdawwal xejn u l-prezenza tal-gaffa hemm minghajr ebda sinjal ta' pre-avviz tal-prezenza

taghha li kien qed jipperikola u jostakola t-triq ghas-sewwieqa;

Oltre minn hekk, it-Tribunal jinnota li kien hemm ukoll diversi nuqqasijiet ohra da parti tal-konvenut li setghu ikkontribwew ghall-akkadut fis-sens li hu qatt ma kien gab il-permess tal-pulizija li talvolta kien iservi bhala mezz ulerjuri ta’ konroll li ma tinholoqx emergenza bhal dik li inholqot u li ikkawzat l-incident de quo;

Dwar id-danni m’hemm l-ebda kontestazzjoni vera u proprja u minn naha tal-atturi dawn gew konfermati;

Ghal dawn il-motivi t-Tribunal filwaqt li jichad l-eccezzjonijiet kollha tal-konvenut inkluza dik tal-preskrizzjoni jilqa’ it-talbiet attrici u konsegwentement jikkundanna lil-konvenut ghal hlas tas-somma mitluba. Bl-ispejjes u l-imghax, kif mitluba.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------